Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 26/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 23 t' Ottubru 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Skużat |
| Sur Clayton Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Skużat |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Assenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Assenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**26. 1 Ittri ta' Apoloġija**

26.1.1 Il-President semma li s-Sur John Boxall u s-Sur Wayne Aquilina talbu li jkunu skużati filwaqt li s-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Alfred Zammit ma nfurmawx li ma setgħux jattendu. Għaldaqstant il-President talab li dawk li nnotifikaw ikunu mniżżla skużati filwaqt li l-oħrajn jitniżżlu bħala assenti.

**26.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 25**

26.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 25 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**26.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 22**

26.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Marco Agius u s-Sur Clayton Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2023 u 23 t' Ottubru 2023 li kienet tammonta għall-€274,542.14.

26.5.2 Is-Sur Dominic Grima xtaq għal darb' oħra jirrimarka li l-kuntrattur tal-iskart mhuwiex jaderixxi mal-klawżoli tas-sejħa. Għaldaqstant huwa qed isibha diffiċli sabiex jawtorizza pagament sħiħ lill-istess kuntrattur. Semma li:

- Għad ikun hemm dgeddis li ma jinġabarx fil-ħin.
- Jinqabżu t-toroq
- Il-ħaddiema mhux ikollhom l-uniformi kif suppost
- Kien hemm stanza minnhom fejn ix-xufier niżel b' żaqqu barra f' nofs tal-pjazza
- Trakkijiet qed ikunu jintnu
- Vest għandha jkollha l-arma fuqha
- Għad hemm problemi biex jinġabar l-iskart tal-iskola St. Joseph

Kien hemm qbil bejn dawk kollha preżenti li jkun hemm laqgħa oħra mal-kolletturi tal-iskart nhar 8 ta' Novembru 2023.

**26.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena 2023**

26.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ir-rapport finanzjarju. Spjegat għaliex minħabba spejjeż kemm biex jinġabar kif ukoll biex jintrema l-iskart riċiklabbli tad-djar u l-kummerċjal flimkien mal-ġabra tal-ħġieġ, ir-Reġjun għalaq it-Tielet Kwart b' telf ta' madwar €130,000.

26.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard ir-rapport kien approvat hekk kif preżentat.

**26.5 Punti oħrajn**

**26.5.1 Belt Kapitali Ewropea 2031**

Il-President semma li kif kien diskuss mal-Ministru l-Onor. Owen Bonnici kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zerafa Civelli, ir-Reġjun flimkien mal-Kunsill għandu jinnomina madwar ħamsa min-nies biex ikunu fuq il-Board Amministrattiv tal-Fondazzjoni. Semma li hemm laqgħa oħra mal-Ministru fuq l-istess suġġett fl-14 ta' Novembru 2023. Il-President semma li s-Sur Boxall ikkomunika sabiex ipoġġi dawn l-ismijiet għall-approvazzjoni tal-Membri.

- Is-Sa. Maria Micallef
- Profs. Frank Camilleri
- Is-Sur Mario Cutajar
- Is-Sur Joe Bezzina
- Dr. John Vassallo

Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kumitat approva l-Membri tal-Fondazzjoni.

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija kienet ser tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li dawn l-ismijiet kienu approvati sabiex ikun jistgħu jimlew il-formoli biex jagħddu għand l-avukat minħabba due diligence. Infurmat li hija ma kellhiex kuntatti tagħhom u għaldaqstant dawn iridu jinġabru mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**26.5.2 Direttiva 2/2023**

Il-President semma li d-Dipartiment kien ħareġ Direttiva 2/2023 rigward is-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Uffiċjali Maniġerjali. Il-President semma li huwa ltaqa' b' urġenza mal-President ta' erba' Reġjuni oħra u kitbu ittra konġunta fejn urew il-preokkupazzjoni tagħhom fuq din id-Direttiva u li ma kinux ikkonsultati mill-ebda parti qabel ittieħdet din id-deċiżjoni. Semma li d-Dipartiment għandu jikkonsulta qabel joħroġ Direttivi li jiddettaw lir-Reġjun kif imexxi.
Il-President qara l-ittra li ntbagħtet lid-Diviżjoni.

**26.5.3 Uffiċjali Maniġerjali Reġjun Port**

Wara l-laqgħa li kien hemm mal-Ministru u mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, ir-Reġjun qed jikkunsidra li joħroġ sejħa għal Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura kif ukoll tal-Immaniġġjar tal-Iskart.
Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Jorge Grech u approvata b' mod unanimu, il-Kumitat iddeċieda li jitlob permess lid-Diviżjoni sabiex joħroġ dawn is-sejħiet ibbażati fuq ir-rikjesti oriġinali li kien hemm fis-sejħa u mhux fuq Direttiva 2/2023.
Semmew li minkejja li jaqblu li għandu jkun hemm Uffiċjal tal-Kultura fl-eventwalità li jinbeda l-bid book, xorta jinstabu xettiċi kif ser ikun qed jikkontribwixxi l-Uffiċjal Maniġerjali fuq l-Immaniġġjar tal-Iskart fuq il-ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali.
L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija kienet xettika li d-Diviżjoni ser tkun qed tapprova din it-talba li finalment ser tkun differenti minn dik stabbilita fid-Direttiva maħruġa. Minkejja dan hija infurmat li kienet ser tikteb lid-Diviżjoni għall-permess.

**26.5.4 Bini Amministrattiv Reġjun Port u Tribunal Lokali Żejtun**

Il-Kumitat iddiskutew l-isfida li għandu r-Reġjun sabiex ibiddel il-binja amministrattiva. Wara diskussjoni fit-tul fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-Kumitat qabel li għandu jixtri binja.
Semmew li għandhom jidentifikaw ftit bini fir-Reġjun li jinstab li huwa għall-bejgħ u jibdew iduru biex jaraw x' hemm fis-suq.
Il-President propona li għandu jiġi allokat 2.5 miljun Euro sabiex isir dan l-investiment. Semma li l-binja għandha tkun

finished. Fuq proposta tal-President il-Kumitat approva din il-figura.

**26.5.5 Live Streaming tal-Laqgħat tar-Reġjun**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija kienet notifikata mid-Dipartiment li l-laqgħat tar-Reġjun għandhom ikunu live streamed. Hija infurmat li ġabret il-kwotazzjonijiet sabiex ir-Reġjun ikun jista' japprova sabiex jinxtara l-apparat.
Il-President semma li jopponi għal din id-Direttiva għaliex ma jaqbilx li l-unika fora li s-Sindki għandhom fejn jiddiskutu b' mod liberu, tittella' wkoll live. Għaldaqstant, il-President talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma lid-Diviżjoni li r-Reġjun mhux jaqbel ma' din il-proposta.
Il-Kumitat approva b' mod unanimu li għandha tintbagħat komunikazzjoni kif issuġġerixxa l-President.

**26.5.6 Vettura Elettrika**

Il-President informa li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet bejn id-Diviżjoni u l-Kunsill Lokali Żejtun, dan peress li d-Diviżjoni tat direzzjoni li l-Kunsill Lokali Żejtun għandu jkompli bil-proċess tal-akkwist umbagħad ir-Reġjun jixtri l-vettura mingħand il-Kunsill.

**25.5.7 Skemi Reġjun Port**

Il-President semma li daħħlu dawn l-applikazzjonijiet:
- Kunsill Lokali Fgura attività tal-Milied bejn il-15 u 16 ta' Diċembru 2023
- Floriana applikazzjoni għall-installazzjoni ta' CCTVs
- Kalkara applikazzjoni għall-installazzjoni ta' CCTVs

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-applikazzjonijiet.
Il-President fakkar li l-Kunsill għandu jagħmel l-emblema tar-Reġjun fuq kull materjal ippubblikat, stampat jew muri b' mod diġitali.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**26.6 Aġġornament**

26.5.1 Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 23 ta' Novembru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**

**President Reġjun Port**

**Lianne Cassar**

**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**